

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** IR-REGOLAMENT (KE) Nru 273/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-11 ta' Frar 2004
dwar prekursori tad-droga
 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
 (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009	L 87	109	31.3.2009
► M2	Regolament (UE) Nru 1258/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013	L 330	21	10.12.2013
► M3	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1443 tad-29 ta' Ġunju 2016	L 235	6	1.9.2016
► M4	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/729 tas-26 ta' Frar 2018	L 123	4	18.5.2018
► M5	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1737 tal-14 ta' Lulju 2020	L 392	1	23.11.2020
► M6	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1518 tad-29 ta' Marzu 2022	L 236	1	13.9.2022
► M7	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/196 tal-25 ta' Novembru 2022	L 27	1	31.1.2023

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 282, 5.8.2021, p. 38 (2020/1737)

▼B**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 273/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tal-11 ta' Frar 2004****dwar prekursori tad-droga****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****▼M2***Artikolu 1***Ambitu u għanijiet**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri armonizzati għall-kontroll u l-monitoraġġ intra-Unjoni ta' ċerti sustanzi użati ta' sikwit għall-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi bil-ħsieb li jiġi impedit id-direttament ta' dawn is-sustanzi.

▼B*Artikolu 2***Id-definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M2

(a) “sustanza skedata” tfisser kwalunkwe sustanza elenkata fl-Anness I li tista' tintuża għall-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi, inklużi taħlitiet u prodotti naturali li fihom sustanzi bħal dawn iżda li teskludi taħlitiet u prodotti naturali li fihom sustanzi skedati u li huma magħmula b'tali mod li s-sustanzi skedati ma jkunux jistgħu jintużaw faċilment jew jiġu estratti permezz ta' mezzi applikabbli faċilment jew ekonomikament vijabbli, prodotti mediċinali kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ u prodotti mediċinali veterinarji kif definit fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾;

▼B

(b) “sustanza mhux skedata” tfisser kull sustanza li, għalkemm mhijiex imniżżla fl-Anness I, hija identifikata bħala li ntużat għall-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi;

▼M2

(ċ) “tqegħid fis-suq” tfisser kull provvista, sewwa jekk bil-prospett ta' ħlas u sewwa jekk bla ħlas, ta' sustanzi skedati fl-Unjoni; jew il-ħażna, il-fabbrikazzjoni, il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-kummerċ, id-distribuzzjoni jew l-intermedjar ta' dawn is-sustanzi bil-għan li jiġu pprovduti fl-Unjoni;

▼B

(d) “operatur” ifisser kull persuna naturali jew legali mqabnda fit-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

▼ B

- (e) “Bord ta' Kontroll Internazzjonali tan-Narkotiċi” ifisser il-Bord stabbilit mill-Konvenzjoni Waħdanija dwar Drogi Narkotiċi ta' l-1961, kif emendata mill-Protokoll ta' l-1972;
- (f) “liċenza speċjali” tfisser liċenza li tingħata lil tip partikolari ta' operatur;
- (g) “reġistrazzjoni speċjali” tfisser reġistrazzjoni li ssir għal tip partikolari ta' operatur;

▼ M2

- (h) “utent” tfisser persuna fiżika jew ġuridika ħliet operatur li tippossjedi sustanza skedata u hija involuta fl-ipproċessar, formulazzjoni, konsum, ħażna, żamma, trattament, mili f'kontenituri, trasferiment minn kontenitur għall-ieħor, taħlit, trasformazzjoni jew kwalunkwe utilizzazzjoni oħra ta' sustanzi skedati;
- (i) “prodotti naturali” tfisser organiżmu jew parti minnu fi kwalunkwe forma, jew kwalunkwe sustanza li sseħħ fin-natura kif definit fil-punt 39 tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

▼ B*Artikolu 3***Ħtiġijiet għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati**

1. Operaturi li jixtiequ joħorġu fis-suq sustanzi skedati ta' kategoriji 1 u 2 ta' l-Anness I għandhom jinħtieġu li jaħtru uffiċjali responsabbli għall-kummerċ f'sustanzi skedati, li jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti bl-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta' dak l-uffiċjal u li jgħarrfuhom immedjatament b'kull modifika sosegwenti ta' dan it-tagħrif. L-uffiċjali għandu jiżgura li l-kummerċ f'sustanzi skedati kondott mill-operatur isseħħ f'konformita ma' dan ir-Regolament. L-uffiċjal għandu jingħata l-poter li jirrappreżenta l-operatur u li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għat-twertieq tax-xogħlijiet speċifikati hawn fuq.

▼ M2

2. L-operaturi u l-utenti għandhom jiksbu l-liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti qabel ma jkunu jistgħu jippossjedu jew iqiegħdu fis-suq sustanzi skedati fil-kategorija 1 tal-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu liċenzji speċjali lil farmaċiji, bereġ ta' mediċina veterinarja, ċerti tipi ta' awtoritajiet pubbliċi jew forzi armati. Dawn il-liċenzji speċjali għandhom ikunu validi biss għall-użu ta' sustanzi skedati ta' kategorija 1 tal-Anness I fi fhdan l-ambitu tad-dmirijiet uffiċjali tal-operaturi kkonċernati.

3. Kull operatur li jippossjedi liċenzja għandu jipprovdi sustanzi skedati ta' kategorija 1 tal-Anness I biss lill-operaturi jew lill-utenti li jippossjedu wkoll liċenzja u jkunu ffirmaw dikjarazzjoni tal-konsumatur kif provvdut fl-Artikolu 4(1).

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

▼ B

4. Meta jitqies jekk tingħatax liċenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod partikolari l-kompetenza u l-integrità ta' l-applikant. Il-liċenza għandha tiġi rifjutata jekk ikun hemm bażi raġunevoli għal dubju dwar kemm huwa xieraq u ta' min joqgħod fuq l-applikant jew l-uffiċjali responsabbli għall-kummerċ f'sustanzi skedati. Il-liċenza tista' tiġi sospiżja jew revokata mill-awtoritajiet kompetenti kull meta jkun hemm bażi raġunevoli li wieħed jemmin li l-pussessur m'għadux persuna kapaċi u xieraq li jżomm liċenza, jew li l-kondizzjonijiet fuq liema nġhatat il-liċenza m'għandhomx imwettqa.

▼ M2

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jew jillimitaw il-validità tal-liċenzja għal perijodu li ma jaqbiżx it-tliet snin jew jistgħu jobbligaw lill-operaturi u l-utenti li juru f'intervalli li ma jaqbiżx it-tliet snin li l-kondizzjonijiet li taħthom inġhatat il-liċenzja għandhom imwettqa. Il-liċenzja għandha ssemmi l-operat jew l-operati li għalihom hija valida, kif ukoll is-sustanzi skedi kkonċernati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fil-prinċipju, jagħtu liċenzji speċjali għal tul ta' żmien mhux limitat imma jistgħu jissospenduhom jew jirrevokawhom meta jkun hemm bażi raġunevoli li d-detentur ma jkunx għadu jitqies bħala persuna kompetenti u idonea biex jippossjedi liċenzja, jew li l-kundizzjonijiet li taħthom inġhatat il-liċenzja m'għandhomx qed jiġu ssodisfati.

6. L-operaturi għandhom jiksbu reġistrazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti qabel ma jqiegħdu fis-suq sustanzi skedati tal-kategorija 2 tal-Anness I. Mill-31 ta' Ġunju 2015 l-utenti għandhom ikunu meħtieġa jiksbu reġistrazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti qabel ma jkollhom fil-pussess tagħhom sustanzi skedati tas-sottokategorija 2 A tal-Anness I. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu reġistrazzjonijiet speċjali lil farmaceuti, bereġ ta' medċina veterinarja, ċerti tipi ta' awtoritajiet pubbliċi jew il-forzi armati. Dawn ir-reġistrazzjonijiet speċjali għandhom jiġu meqjusa bħala validi biss għall-użu ta' sustanzi skedati ta' kategorija 2 tal-Anness I fi ħdan l-ambitu tad-dmirijiet uffiċjali tal-operaturi jew utenti kkonċernati.

6a. Kull operatur li jippossjedi reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu għandu jipprovdni sustanzi skedati ta' sottokategorija 2 A tal-Anness I biss lill-operaturi jew utenti li jippossjedu wkoll din ir-reġistrazzjoni u jkun ffirmaw dikjarazzjoni tal-konsumatur kif previst fl-Artikolu 4(1).

6b. Waqt li jkun qed iqisu jekk tingħatax reġistrazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw, b'mod partikolari, l-kompetenza u l-integrità tal-applikant. Huma għandhom jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni jekk ikun hemm bażi raġunevoli għal dubju dwar l-idonjetà u l-affidabbiltà tal-applikant jew tal-uffiċjali responsabbli għall-kummerċ ta' sustanzi skedati. Huma jistgħu jissospendu jew jirrevokaw ir-reġistrazzjoni kull meta jkun hemm bażi raġunevoli li twassal li wieħed jemmin li d-detentur m'għadux persuna kompetenti u idonea li jżomm ir-reġistrazzjoni, jew li l-kondizzjonijiet li taħthom inġhatat ir-reġistrazzjoni m'għandhomx issodisfati.

6c. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu lill-operaturi u lill-utenti li jħallu miżata biex japplikaw għal liċenzja jew għal reġistrazzjoni.

Fejn tiġi imposta miżata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jaġġustaw il-livell tal-miżata skont id-daqs tal-impriża. Din il-miżata għandha tiġi imposta b'mod mhux diskriminatorju u m'għandhiex taqbeż l-ispiża tal-ipproċessar tal-applikazzjoni.

▼ M2

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jelenkaw l-operaturi u l-utenti li jkunu kisbu l-liċenzja jew reġistrazzjoni fid-database Ewropea msemmija fl-Artikolu 13a.

8. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a fir-rigward tar-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għall-:

- (a) għoti tal-liċenzja, inkluż fejn rilevanti, il-kategoriji ta' data personali li għandhom jiġu pprovduti;
- (b) għoti tar-reġistrazzjoni, inkluż fejn rilevanti, il-kategoriji ta' data personali, li għandhom jiġu pprovduti;
- (c) elenkar tal-operaturi u l-utenti fid-database Ewropea msemmija fl-Artikolu 13a skont il-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

Il-kategoriji ta' data personali msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu m'għandhomx jinkludu d-data dwar kategoriji speċjali kif imsemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

▼ B*Artikolu 4***Dikjarazzjoni tal-konsumatur****▼ M2**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u għall-Artikoli 6 u 14, kull operatur stabbilit fl-Unjoni li jipprovdi konsumatur b'sustanza skedata ta' kategorija 1 jew 2 tal-Anness I għandu jikseb dikjarazzjoni mill-konsumatur li turi l-użu jew l-użi speċifiċi tas-sustanzi skedati. L-operatur għandu jikseb dikjarazzjoni separata għal kull sustanza skedata. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonforma mal-mudell dikjarat f'punt 1 tal-Anness III. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, id-dikjarazzjoni għandha ssir fuq karta intitolata.

▼ B

2. Bħala alternattiva għad-dikjarazzjoni msemmija fuq għal transazzjoni individwali, operatur li regolarment jipprovdi lil konsumatur b'sustanza skedata ta' kategorija 2 ta' l-Anness I jista' jaċċetta dikjarazzjoni waħdanija rigward numru ta' transazzjonijiet involuti f'din is-sustanza skedata fuq perjodu li ma jaqbiżx is-sena, basta iżda li l-operatur huwa sodisfatt li l-kriterji li ġejjin ikunu ntlaħqu:

- (a) il-konsumatur ikun ġie provvdut mill-operatur bs-sustanza f'għall-inqas tliet okkażżjonijiet fit-12-il xahar ta' qabel;

⁽¹⁾ Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

▼B

- (b) l-operatur m'għandu l-ebda raġuni li jissoponi li s-sustanza se tintuża għal għanijiet illeċiti;
- (ċ) il-kwantitajiet ordnati huma konsistenti mal-konsum tas-soltu għal dak il-konsumatur.

Din id-dikjarazzjoni għandha tikkonforma mal-mudell dikjarat f'punt 2 ta' l-Anness III. Fil-każ ta' persuni legali, id-dikjarazzjoni għandha ssir fuq karti b'intestatura (*headed notepaper*).

▼M2

3. Operatur li jipprovi sustanzi skedati fil-kategorija 1 għall-Anness I għandu jittimbra u jiddatta kopja tad-dikjarazzjoni, billi jiċcertifikaha bħala kopja konformi mal-oriġinal. Din il-kopja għandha takkumpanja dejjem dawk is-sustanzi li jkunu qed jiġu trasportati fl-Unjoni u għandha dejjem tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet responsabbli meta tiġi mitluba biex issir spezzjoni tal-kontenut tal-vetturi matul operazzjonijiet ta' trasport.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a li jikkonċernaw ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għall-kisba u l-użu ta' dikjarazzjonijiet tal-konsumatur.

▼B*Artikolu 5***Dokumentazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, operaturi għandhom jiżguraw li t-transazzjonijiet kollha li jwasslu għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati ta' kategoriji 1 u 2 ta' l-Anness I huma dokumentati kif suppost bi qbil mal-paragrafi 2 sa 5 hawn taħt. Din l-obbligazzjoni m'għandhiex tapplika għal dawn l-operaturi li jipposjedu liċenzi speċjali jew li huma suġġetti għal reġistrazzjoni speċjali skond l-Artikolu 3(2) u (6) rispettivament.

2. Dokumenti kummerċjali bħal ma huma fatturi, manifesti ta' merkanzija, dokumenti amministrattivi, dokumenti ta' trasport u ta' trasport ieħor bil-baħar għandhom jikkontjenu tagħrif biżżejjed biex jidentifikaw pożittivament:

- (a) l-isem tas-sustanza skedata kif mogħti fil-kategoriji 1 u 2 ta' l-Anness I;
- (b) il-kwantita u l-użin tas-sustanza skedata u, fejn taħlita jew prodott naturali huma konċernati, il-kwantita u l-użin, jekk ikunu disponibbli, tat-taħlita jew il-prodott naturali kif ukoll il-kwantita u l-użin, jew il-persentaġġ skond l-użin, ta' kull sustanza jew sustanzi ta' kategoriji 1 u 2 ta' l-Anness I li jinstabu fit-taħlita;
- (ċ) l-isem u l-indirizz tal-provveditur, id-distributur, id-destinatarju, u, jekk ikun possibli, ta' l-operaturi l-oħra direttament involuti fit-transazzjoni, kif riferit fl-Artikolu 2(ċ) u (d).

3. Id-dokumentazzjoni trid tikkontjeni wkoll dikjarazzjoni tal-konsumatur kif riferit fl-Artikolu 4.

4. Operaturi għandhom iżommu dawn ir-reġistrazzjonijiet dettaljati ta' l-attivitajiet tagħhom kif inhuma meħtieġa biex jikkonformaw ma' l-obbligi tagħhom skond il-paragrafu 1.

5. Id-dokumentazzjoni u r-reġistrazzjonijiet riferiti f'paragrafi 1 sa 4 għandhom jinżammu għal mill-inqas tliet snin mill-aħħar tas-sena kalendarja li fiha t-transazzjoni riferita fil-paragrafu 1 seħħet, u jridu jkunu disponibbli fil-pront għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

▼ B

6. Id-dokumentazzjoni tista' tinżamm ukoll fil-forma ta' riproduzzjonijiet fuq medju tad-dehra jew medja oħra ta' fatti magħrufa (*data*). Irid jiġi żgurat li l-fatti magħrufa (*data*) maħżuna:

- (a) jaqblu mad-dokumentazzjoni fid-dehra u l-kontenut meta jsiru b'mod li jinqara, u
- (b) huma disponibbli fil-pront f'kull żmien, u jistgħu isiru b'mod li jinqara mingħajr dewmien u jistgħu jiġu analizzati b'mezzi awtomatiċi (*automated*) għat-tul ta' żmien tal-perjodu speċifikat fil-paragrafu 5.

▼ M2

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a dwar ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għad-dokumentazzjoni ta' taħlitiet li fihom sustanzi skedati.

▼ B*Artikolu 6***Eżenzjonijiet**

L-obbligi skond l-Artikoli 3, 4 u 5 m'għandhomx japplikaw għal transazzjonijiet li jinvolvu sustanzi skedati ta' kategorija 2 ta' l-Anness I fejn il-kwantitajiet involuti ma jaqbżux dawk indikati fl-Anness II fuq perjodu ta' sena.

*Artikolu 7***Tikkettjar**

Operaturi għandhom jiżguraw li t-tikketti jitwaħħlu ma' sustanzi skedati ta' kategoriji 1 u 2 ta' l-Anness I qabel ma jiġu provvduti. It-tikketti jridu juru l-ismijiet tas-sustanzi kif jingħata fl-Anness I. Operaturi jistgħu b'żieda ma' dan iwaħħlu t-tikketti tagħhom tas-soltu.

▼ M2

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a dwar ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għall-ittikkettjar ta' taħlitiet li fihom sustanzi skedati.

*Artikolu 8***Notifika lill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-operaturi għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti immedjatament b'kull ċirkostanza, b'hal ma huma ordnijiet jew transazzjonijiet mhux tas-soltu li jinvolvu t-tqegħid fis-suq ta' sustanzi skedati, li tissuġġerixxi li dawn is-sustanzi tista' tinbidlilhom ir-rotta għall-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi. Għal dak il-għan, l-operaturi għandhom jipprovdu kull informazzjoni disponibbli li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-leġittimità ta' ordni jew transazzjoni rilevanti.

2. L-operaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti fil-qosor dwar it-transazzjonijiet tagħhom li jinvolvu sustanzi skedati.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a dwar ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet biex l-operaturi jipprovdu l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inklużi fejn rilevanti, il-kategoriji ta' data personali li għandha tiġi pproċessata għal dak il-għan u s-salvagwardji għall-ipproċessar ta' tali data personali.

▼M2

4. L-operaturi m'għandhom jiddivulgaw l-ebda data personali miġbura skont dan ir-Regolament ħlief lill-awtoritajiet kompetenti.

▼B*Artikolu 9***Linji ta' gwida****▼M2**

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal, u żżomm aġġornati, linji gwida sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi, u l-industrija tal-kimika, b'mod partikolari rigward sustanzi mhux skedati.

▼B

2. Il-linji ta' gwida għandhom jipprovdu b' mod partikolari:
- (a) tagħrif dwar kif jintgħarfu u jiġu mgħarrfa transazzjonijiet suspettużi;
 - (b) lista aġġornata b'mod regolari ta' sustanzi mhux skedati biex tgħin lill-industrija timmonitorja fuq bażi volontarja il-kummerċ f'dawn is-sustanzi;
 - (c) tagħrif ieħor li jista' jitqies ta' użu.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-linji ta' gwida u l-lista ta' sustanzi mhux skedati jiġu mqassma regolarment f'manjiera li titqies xierqa mill-awtoritajiet kompetenti bi qbil ma' l-għanijiet tal-linji ta' gwida.

*Artikolu 10***Poteri u obbligi ta' awtoritajiet kompetenti**

1. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' l-Artikoli 3 sa 8, kull Stat Membru għandu jadotta miżuri meħtieġa sabiex iġin lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu biex iwettqu d-dazji ta' kontroll u monitorjar tagħhom, u b'mod partikolari:

- (a) li jiksbu tagħrif dwar kull ordni għal sustanzi skedati jew operati li jinvolvu sustanzi skedati;

▼M2

- (b) li jidħlu fil-bini tan-negozju tal-operaturi u tal-utenti sabiex jiksbu provi ta' irregolaritajiet;
 - (c) fejn meħtieġ, li jżommu u jissekwestraw konsenji li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament.
2. Kull Stat Membru jista' jadotta l-miżuri meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti ikunu f'pożizzjoni li jikkontrollaw u jimmonitorjaw transazzjonijiet suspettużi li jinvolvu sustanzi mhux skedati, u b'mod partikolari:
- (a) li jiksbu informazzjoni dwar kull ordni għal sustanzi mhux skedati jew operazzjonijiet li jinvolvu sustanzi mhux skedati;
 - (b) li jidħlu fil-bini tan-negozju sabiex jiksbu provi ta' transazzjonijiet suspettużi li jinvolvu sustanzi mhux skedati;
 - (c) fejn meħtieġ, iżommu u jissekwestraw konsenji biex jiġi evitat l-użu ta' sustanzi speċifiċi mhux skedati fil-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi.
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw informazzjoni kunfidenzjali ta' negozju.

▼ **B***Artikolu 11***Koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorita jew l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bihom.

2. Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna bejn xulxin bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji tad-dwana u agricoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari dawk dwar kunfidenzalita, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. L-awtorita jew awtoritajiet kompetenti nominati skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 515/97.

*Artikolu 12***Il-Penali**

L-Istati Membri għandhom jippreskrivu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li qed jiġu implimentati. Il-penali provvduti jistgħu jkunu effettivi, proporzjonati u *dissuasive*.

▼ **M2***Artikolu 13***Komunikazzjoni mill-Istati Membri**

1. Biex jiġu permessi kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa fl-arranġamenti għall-monitoraġġ ta' kummerċ ta' sustanzi skedati u sustanzi mhux skedati, l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni f'forma elettronika permezz tad-database Ewropea msemmija fl-Artikolu 13a f'waqtha, l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari rigward sustanzi wżati għall-fabbrikazzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi u metodi ta' dirottament u fabbrikazzjoni illeċita, u l-kummerċ legali tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a sabiex jiġu speċifikati l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti rigward l-informazzjoni li għandha tingħata skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sommarju tal-komunikazzjonijiet magħmula skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Bord ta' Kontroll Internazzjonali tan-Narkotiċi skont l-Artikolu 12(12) tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

▼ **M2***Artikolu 13a***Database Ewropea dwar prekursori tad-droga**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi database Ewropea dwar prekursori tad-droga bil-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) li tiffaċilita l-komunikazzjoni tal-informazzjoni, fejn hu possibbli b'mod aggregat u anonimu, skont l-Artikolu 13(1), l-analiżi u s-sinteżi ta' dik l-informazzjoni fil-livell tal-Unjoni, u r-rappurtar lill-Bord Internazzjonali tal-Kontroll tan-Narkotiċi skont l-Artikolu 13(3);
- (b) li toħloq regjistru Ewropew tal-operaturi u l-utenti, li ngħataw liċenzja jew reġistrazzjoni;
- (c) li tagħmilha possibbli għall-operaturi li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti b'informazzjoni dwar it-transazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 8(2) f'forma elettronika, kif speċifikat fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 14.

Data personali għandha tiġi inkluża fid-database Ewropea biss wara l-adozzjoni tal-atti ddelegati msemmijin fl-Artikolu 3(8) u l-Artikolu 8(3).

2. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw is-sigurtà, il-kunfidenzjalità u l-preċiżjoni tad-data personali li jkun hemm fid-database Ewropea u biex jiżguraw li d-drittijiet tas-suġġetti tad-data jkunu protetti skont id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

3. L-informazzjoni miksuba skont dan ir-Regolament, inkluża data personali, għandha tintuża skont il-liġi applikabbli rigward il-protezzjoni tad-data personali u m'għandhiex tinżamm għal żmien itwal milli jkun meħtieġ għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament. L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE u fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu jkun ipprojbit.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni li tkun ċara, komprensiva u li tinftiehem rigward id-database Ewropea f'konformità mal-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 13b***Protezzjoni tad-data**

1. L-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandu jsir f'konformità mal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 95/46/KE u taħt is-superviżjoni tal-awtorità superviżorja tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 28 ta' dik id-Direttiva.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

▼ **M2**

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE, id-data personali li tinkiseb jew tiġi pproċessata skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-għan tal-prevenzjoni tad-dirottament ta' sustanzi skedati.

3. L-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni, inkluż għall-fini tad-database Ewropea, għandu jitwettaq skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

4. L-Istati Membri u l-Kummissjoni m'għandhomx jipproċessaw data personali b'mod li ma jkunx kompatibbli mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 13a.

*Artikolu 14***Atti ta' Implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin:
 - (a) regoli dwar kif isiru dikjarazzjonijiet mill-klijent imsemmija fl-Artikolu 4 f'forma elettronika, fejn xieraq;
 - (b) regoli dwar kif għandha tingħata l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2), inkluż fejn xieraq, f'forma elettronika għad-database Ewropea, fejn xieraq;
 - (c) regoli ta' proċedura għall-għoti ta' liċenzji u ta' reġistrazzjonijiet u għall-elenkar ta' operaturi u utenti fid-database Ewropea kif imsemmi fl-Artikoli 3(2), 3(6) u 3(7).
2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14a(2).

*Artikolu 14a***Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat dwar il-Prekursuri tad-Droga stabbilit bl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 ⁽¹⁾. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 15***Adattament tal-Annessi**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 15a sabiex tadatta l-Annessi I, II u III għal xejriet ġodda fid-dirottament tal-prekursuri tad-droga u biex issegwi kwalunkwe emenda għat-tabelli fl-Anness mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jstabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi (ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼ **M2***Artikolu 15a***Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikoli 3(8), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(7), fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7, fl-Artikolu (8)(3) u fl-Artikolu 15 għal perijodu ta' ħames snin mit-30 ta' Diċembru 2013. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 3(8), fl-Artikolu 4(4), fl-Artikolu 5(7), fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 7, fl-Artikolu 8(3), fl-Artikolu 13(2) u fl-Artikolu 15 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandha taffettwa l-validità ta' ebda att ddelegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 3(8), l-Artikolu 4(4), l-Artikolu 5(7), it-tieni paragrafu tal-Artikolu 7, l-Artikolu 8(3), l-Artikolu 13 (2) jew l-Artikolu 15 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressal-ebda oġġezzjoni għalih mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn minn meta dak l-att ikun ġie nnotifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw għalih. Dak il-perijodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 16***Informazzjoni dwar miżuri adottati mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li huma jadottaw skont dan ir-Regolament, u b'mod partikolari bil-miżuri adottati skont l-Artikoli 10 u 12. Huma għandhom jgħarrfuha wkoll b'kull emenda sussegwenti għalihom.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2019, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari dwar il-ħtieġa possibbli għal aktar azzjoni għall-monitoraġġ u l-kontroll ta' transazzjonijiet suspettużi b'sustanzi mhux skedati

*Artikolu 17***Revokazzjonijiet**

1. Id-Direttiva tal-Kunsill 92/109/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 93/46/KEE, 2001/8/KE u 2003/101/KE u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1485/96 u (KE) Nru 1533/2000 huma hawn-hekk imħassra.
2. Ir-riferenzi għad-direttivi jew ir-regolamenti mħassra għandhom jinftiehemu bħala li jkunu saru għal dan ir-Regolament.
3. Il-validita ta' kull reġistru stabbilit, kull liċenza li tingħata u kull dikjarazzjoni tal-konsumatur maħruġa skond id-direttivi jew ir-regolamenti mħassra m'għandhiex tiġi affettwata.

*Artikolu 18***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-18 ta' Awissu 2005, minbarra għall-Artikoli 9, 14 u 15, li għandhom jidħlu fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, sabiex tiġi permessa l-adozzjoni tal-miżuri provvduti f'dawn l-Artikoli. Dawn il-miżuri għandhom jidħlu fis-seħħ l-aktar kmieni fit-18 ta' Awissu 2005.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ B

ANNEX I

▼ M2

Lista ta' sustanzi skedati

▼ B

KATEGORIJA 1

Sustanza	Nomina tan-NM (jekk differenti)	kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru ta' CAS ⁽²⁾
<i>1-phenyl-2-propanone</i>	<i>Phenylacetone</i>	2914 31 00	103-79-7
▼ <u>M7</u> Dietil (fenilaċetil) propanedioat (DEPAPD)		2918 30 00	20320-59-6
▼ <u>M5</u> Metil <i>alfa</i> - fenilaċetoaċetat (MAPA)		2918 30 00	16648-44-5
▼ <u>M6</u> Etil <i>alfa</i> -fenilaċetoaċetat (EAPA) ⁽⁴⁾		Ex 2918 30 00	5413-05-8
▼ <u>M5</u> Metil 2-metil-3-fenilossiran- 2-karbossilat (Metilgliċidat tal-BMK)		2918 99 90	80532-66-7
2-metil-3-fenilossiran-2-aċidu karbossiliku (Aċidu gliċidiku tal-BMK)		2918 99 90	25547-51-7
▼ <u>B</u> <i>N-acetylanthranilic acid</i>	<i>2-acetamidobenzoic acid</i>	2924 23 00	89-52-1
▼ <u>M5</u> <i>Alfa</i> -fenilaċetoaċetammid (APAA)		2924 29 70	4433-77-6
<i>Alfa</i> -fenilaċetoaċetonitril (APAAN)		2926 40 00	4468-48-8
▼ <u>B</u> <i>Isosafrol (cis + trans)</i>		2932 91 00	120-58-1
<i>3,4-methylenedioxyphenyl- propan-2-one</i>	<i>1-(1,3-Benzodioxol- 5-yl)propan-2-one</i>	2932 92 00	4676-39-5
<i>Piperonal</i>		2932 93 00	120-57-0
<i>Safrole</i>		2932 94 00	94-59-7
▼ <u>M7</u> Etil 3-(2H-1,3-benżodiossol- 5-il) -2-metilossiran-2- karbossilat (Etil gliċidat tal-PMK)		2932 99 00	28578-16-7
▼ <u>M5</u> Metil 3-(1,3-benżodijossol-5- il)-2-metilossiran-2-karbos- silat (metilgliċidat tal-PMK)		2932 99 00	13605-48-6
▼ <u>M6</u> Metil 3-osso-2-(3,4-metilene- diossifenil)butanoat (MAMDPA) ⁽⁵⁾	metil 3-osso-2-(3,4- metilenediossifenil)bu- tanoat	Ex 2932 99 00	1369021-80-6

▼ **M5**

Sustanza	Nomina tan-NM (jekk differenti)	kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru ta' CAS ⁽²⁾
3-(1,3-benżodijossol-5-il)-2-metilossiran-2-aċidu karbossiliku (aċidu gliċidiku tal-PMK)		2932 99 00	2167189-50-4

▼ **M7**

N-fenil-1-(2-fenilettil)piperidin-4-ammina	4-anilino-N- fenetil-piperidina (ANPP)	2933 36 00	21409-26-7
1-(2-fenilettil)piperidin-4-on	N-fenetil-4-piperidon (NPP)	2933 37 00	39742-60-4
N-fenilpiperidin-4-ammina (4-AP)		2933 39 99	23056-29-3
Tert-butyl 4-anilinopiperidina-1-karbossilat (1-boc-4-AP)		2933 39 99	125541-22-2
N-fenil-N-(piperidina-4-il)propanammid (norfentanil)		2933 39 99	1609-66-1

▼ **B**

<i>Ephedrine</i>		2939 41 00	299-42-3
<i>Pseudoephedrine</i>		2939 42 00	90-82-4
<i>Norephedrine</i>		► M2 2939 44 00 ◀	14838-15-4
<i>Ergometrine</i>		2939 61 00	60-79-7
<i>Ergotamine</i>		2939 62 00	113-15-5
<i>Lysergic acid</i>		2939 63 00	82-58-6

Il-forom stereoisomeriċi tas-sustanzi mniżżla f'lista f'din il-kategorija mhumiex *cathine* ⁽³⁾, kull meta l-eżistenza ta' dawn il-forom hija possibbli.

L-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'lista f'din il-kategorija, kull meta l-eżistenza ta' dawn l-imluħa hija possibbli u li mhumiex l-imluħa ta' *cathine*.

▼ **M3**

(1R,2S)-(-)-kloroefedrina		► M5 2939 79 90 ◀	110925-64-9
(1S,2R)-(+)-kloroefedrina		► M5 2939 79 90 ◀	1384199-95-4
(1S,2S)-(+)-kloropsewdoefedrina		► M5 2939 79 90 ◀	73393-61-0
(1R,2R)-(-)-kloropsewdoefedrina		► M5 2939 79 90 ◀	771434-80-1

▼ **B**

⁽¹⁾ ĠU L 290, tat-28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru ta' CAS huwa "n-numru ta' reġistru tas-servizzi ta' astratti kimiċi" li huwa identifikatur numeriku uniku speċifiku għal kull sustanza u l-istruttura tagħha. In-Nru ta' CAS huwa speċifiku għal kull isomeru u għal kull melħ ta' kull isomeru. Irid jiġi mifhum li n-Nri ta' CAS għall-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'lista hawn fuq se jkunu differenti għal dawn mogħtija.

⁽³⁾ Imsemmi wkoll (+)-*norpseudoephedrine*, kodiċi tan-NM 2939 43 00, Nru ta' CAS 492-39-7

⁽⁴⁾ Magħruf ukoll bħala etil 3-osso-2-fenilbutanoat, skont il-IUPAC (l-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata).

⁽⁵⁾ Magħruf ukoll bħala metil 2-(2H-1,3-benżodiossol-5-il)-3-ossobutanoat, skont il-IUPAC.

▼ M2KATEGORIJA 2
SOTTOKATEGORIJA 2A

Sustanza	Desinjazzjoni NM (jekk hi differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru CAS ⁽²⁾
Fosforu aħmar		2804 70 00	7723-14-0
Anidride aċetiku		2915 24 00	108-24-7

▼ M5▼ M2

L-imluħ tas-sustanzi mniżżla f'din il-kategorija, kull meta l-eżistenza ta' sustanzi bħal dawn tkun possibbli.

SOTTOKATEGORIJA 2B

Sustanza	Desinjazzjoni NM (jekk hi differenti)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru CAS ⁽²⁾
Phenylacetic acid		2916 34 00	103-82-2
Aċidu antraniliku		► <u>M5</u> ► <u>C1</u> 2922 43 00 ◀ ◀	118-92-3
Piperidina		2933 32 00	110-89-4
Permanganat tal-potassju		2841 61 00	7722-64-7

L-imluħ tas-sustanzi mniżżla f'din il-kategorija, kull meta l-eżistenza ta' sustanzi bħal dawn tkun possibbli.

⁽¹⁾ ĠU L 290, 28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru CAS "Chemical Abstracts Service Registry Number" huwa numru ta' identifikazzjoni uniku speċifiku għal kull sustanza u għall-istruttura tagħha. In-Nru CAS huwa speċifiku għal kull iżomeru u għal kull melħ ta' kull iżomeru. Għandu jiġi mifhum li n-Nri CAS għall-imluħa tas-sustanzi mniżżlin hawn fuq ser ikunu differenti minn dawk mogħtija.

KATEGORIJA 3

Sustanza	Nomina tan-NM (jekk differenti)	kodiċi NM ⁽¹⁾	Nru ta' CAS ⁽²⁾
Aċidu idrokloriku	Klorur ta' l-idroġenu	2806 10 00	7647-01-0
Aċidu sulfiriku		► <u>M5</u> 2807 00 00 ◀	7664-93-9
Tolwena		2902 30 00	108-88-3
<i>Ethyl ether</i>	<i>Diethyl ether</i>	2909 11 00	60-29-7
Aċeton		2914 11 00	67-64-1
<i>Methylethylketone</i>	<i>Butanone</i>	2914 12 00	78-93-3

L-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'lista f'din il-kategorija, kull meta l-eżistenza ta' dawn l-imluħa hija possibbli u li mhumiex l-imluħa ta' aċidu idrokloriku u aċidu sulfiriku.

⁽¹⁾ ĠU L 290, tat-28.10.2002, p. 1.

⁽²⁾ In-Nru ta' CAS huwa "n-numru ta' reġistru tas-servizzi ta' astratti kimiċi" li huwa identifikatur numeriku uniku speċifiku għal kull sustanza u l-istruttura tagħha. In-Nru ta' CAS huwa speċifiku għal kull isomeru u għal kull melħ ta' kull isomeru. Irid jiġi mifhum li n-Nri ta' CAS għall-imluħa tas-sustanzi mniżżla f'lista hawn fuq se jkunu differenti għal dawn mogħtija.

▼ B*ANNEX II*

Sustanza	Għatba
Anidridu aċetiku	100 l
Permanganat tal-potassju	100 kg
<i>Anthranilic acid</i> u l-imluħa tiegħu	1 kg
<i>Phenylacetic acid</i> u l-imluħa tiegħu	1 kg
<i>Piperidine</i> u l-imluħa tiegħu	0,5 kg
▼ <u>M5</u> Fosforu aħmar	0,1 kg

▼ B

L-ANNESS III

1. Dikjarazzjoni mudell li għandha x'taqsam ma' transazzjonijiet individwali (kategorija 1 jew 2)

DIKJARAZZJONI TAL-KONSUMATUR TA' UŻU SPECĪFIKU TAS-SUSTANZA TAL-KATEGORIJA SKEDATA 1 JEW 2
(transazzjonijiet individwali)

Jiena/Aħna,

Isem:

Indirizz:

.....

Numru ta' riferenza ta' ►ⁱⁿ..... ◀ liċenzja/reġistrazzjoni:
(ħassar kif xieraq)maħruġ fil- minn
(isem u indirizz ta' l-awtorita)

.....

U mingħajr limitu ta' żmien/validu sa
(ħassar kif xieraq)

ordnajt minn

Isem:

Indirizz:

.....

is-sustanza li ġejja

Deskrizzjoni:

.....

Kodiċi tan-Nomenklatura magħquda (NM): Kwantita:

Is-sustanza se tintuża biss għal:

.....

Jiena/Aħna hawnhekk niċċertifikaw li s-sustanza riferita hawn fuq mhijiex se tinbiegħ mill-ġdid jew tiġi provvduta mod ieħor lil xi konsumatur ieħor minbarra jekk dan ta' l-aħħar iforni dikjarazzjoni ta' użu bi qbil mal-mudell jew, għal sustanzi ta' kategorija 2, dikjarazzjoni li għandha x'taqsam ma' transazzjonijiet multipli.

Firma: Isem:
(f'ittri kbar)

Pożizzjoni: Data:

► ⁽¹⁾ M2

▼ B**2. Dikjarazzjoni mudell li għandha x'taqsam ma' transazzjonijiet multipli (kategorija 2)**

DIKJARAZZJONI TAL-KONSUMATUR TA' UŻU SPEĊIFIKU TAS-SUSTANZA TAL-KATEGORIJA SKEDATA 1 JEW 2
(transazzjonijiet individwali)

Jiena/Aħna,

Isem:

Indirizz:

.....

Numru ta' riferenza ta' awtorizzazzjoni/liċenzja/reġistrazzjoni:
(ħassar kif xieraq)

maħruġ fil- minn
(isem u indirizz ta' l-awtorita)

.....

U mingħajr limitu ta' żmien/validu sa
(ħassar kif xieraq)

ordnajt minn

Isem:

Indirizz:

.....

is-sustanza li ġeġja

Deskrizzjoni:

.....

Kodiċi tan-Nomenklatura magħquda (NM): Kwantita:

Is-sustanza se tintuża biss għal:

.....

Jiena/Aħna hawnhekk niċċertifikaw li s-sustanza riferita hawn fuq mhijiex se tinbiegħ mill-ġdid jew tiġi provvduta mod ieħor lil xi konsumatur ieħor minbarra jekk dan ta' l-aħħar iforni dikjarazzjoni ta' użu bi qbil mal-mudell jew, għal sustanzi ta' kategorija 2, dikjarazzjoni li għandha x'taqsam ma' transazzjonijiet multipli.

Firma: Isem:
(fittri kbar)

Pożizzjoni: Data: